Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-data ta' l-għeluq ta' din l-offerta ġiet estiża mis-16 ta' Diċembru, 2005.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-10 ta' Jannar, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/90/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *resilient gate valves.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Jannar, 2006, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/102/2005. *Underpressure tapping machines.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviż Nru. WSC/T/103/2005. Xogħlijiet ċivili fil-Ġibjun tan-Naxxar - Bini ta' *meeting room,* imħażen, ħitan ta' lqugħ, *driveway* u kanal għall-ilma.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

WATER SERVICES CORPORATION

The Chief Executive, Water Services Corporation, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 15th December, 2005 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/98/2005. Supply of uniforms (blazers, trousers, skirts and waistcoasts).

A fee of Lm15 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 6th January, 2006 for:-

Advt. No. WSC/T/100/2005. Electric wire rope hoists.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

The closing date of this tender has been extended from the 16th december, 2005.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 10th January, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/90/2005. Period contract for the supply of resilient gate valves.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 13th January, 2006 for:-

Advt. No. WSC/T/102/2005. Underpressure tapping machines.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

*Advt. No. WSC/T/103/2005. Civil works at Naxxar Reservoir - Construction of meeting room, stores, retaining walls, driveway and water culvert.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-17 ta' Jannar, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/93/2005. Provvista ta' *used high-pressure cleaning and suction (jetting/suction) bowsers*.

Avviż Nru. CT/WSC/T/94/2005. Provvista ta' *tankers* għat-tbattil ta' fosos.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviż li qiegħed jidher għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-*Cash Office,* Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Ħal Luqa, u aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Kuntratti u *Purchasing*, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 05, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Is-6 ta' Diċembru, 2005

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 17th January, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/93/2005. Supply of used high-pressure cleaning and suction (jetting/suction) bowsers.

Advt. No. CT/WSC/T/94/2005. Supply of tankers for cesspit emptying.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

*Advertisement appearing for the first time

Forms of tenders may be obtained from the Cash Office, Water Services Corporation, Luqa, and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Contracts and Purchasing Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 05, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

6th December, 2005

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET

Id-Direttur Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Diċembru, 2005, fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement,* Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 86/2005. Provvista u konsenja biss ta' *moulded granite paving steps* għax-xogħlijiet ta' rinovar taz-zuntier fil-Knisja Parrokkjali, iż-Żurrieq.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 87/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' ġebla tal-franka biex tintuża mit-Taqsima tax-Xogħlijiet.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 88/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja fuq il-post ta' *unslaked* u *hydrated lime* (ġir) biex jintuża mit-Taqsima tax-Xogħlijiet.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

WORKS DIVISION

The Director General, Works Division, notifies that:–

Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 9th December, 2005, for:-

Advt. No. 86/2005. Supply and delivery only of moulded granite paving steps for the refurbishment works to parvis at Parish Church, Żurrieq.

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 87/2005. Period contract for the supply and delivery of franka stone for use by the Works Division.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 88/2005. Period contract for the supply and delivery to site of unslaked and hydrated lime for use by the Works Division.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Avviż Nru. 89/2005. Kuntratt perjodiku għat-tgħabbija u ġarr ta' kantuni tal-ġebla tal-franka mill-Barriera Tar-Robba sa diversi postijiet f'Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kwot. Nru. 38/2005. Bejgħ tale quale ta' *residial timber off-cuts* mit-Taqsima tax-Xogħlijiet.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm3 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Diċembru, 2005, fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement,* Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. 39/2005. Provvista u konsenja ta' *mini dumper* biex jintuża mit-Taqsima tar-Restawr, Taqsima tax-Xogħlijiet.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Kwot. Nru. 40/2005. Bini mill-ġdid ta' gallarija biex takkomoda *bus shelter* fi Triq San Ġorġ fil-Bajja ta' Spinola, San Ġiljan.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm3 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Il-formoli ta' l-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu fuq il-ħlas rispettiv tagħhom mill-*Cash Office* tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, Blokk A, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Kull tagħrif ieħor jista' jinkiseb mit-Taqsima tax-Xogħlijiet, Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement,* f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Is-6 ta' Diċembru, 2005

Advt. No. 89/2005. Period contract for the loading and transporting of franka stone blocks "Kantun" from Tar-Robba Quarry to various sites in Malta.

A fee of Lm5 is to be paid for each copy of tender document.

Quot. No. 38/2005. Sale tale quale of residial timber off-cuts by the Works Division.

A fee of Lm3 is to be paid for each copy of quotation document.

Sealed quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 16th December, 2005, for:-

Quot. No. 39/2005. Supply and delivery of a mini dumper to be used by the Restoration Unit, Works Division.

A fee of Lm5 is to be paid for each copy of quotation document.

Quot. No. 40/2005. Re-construction of balcony to accomodate a bus shelter at Triq San Ġorġ in Spinola Bay, St Julians.

A fee of Lm3 is to be paid for each copy of quotation document.

Forms of tenders/quotations may be obtained against their respective payment from the Works Division, Cash Office, Block A, Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Works Division, Contracts and Procurement Section, on any working day between 8.00 a.m. and noon.

6th December, 2005

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-20 ta' Diċembru, 2005, fl-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

*AFM Avviż Nru. 30/05. Tbattil ta' fosos f'diversi lokalitajiet militari - Forzi Armati ta' Malta.

*Avviż li qieghed jidher ghall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Is-6 ta' Diċembru, 2005

ARMED FORCES OF MALTA

The Commander, Armed Forces of Malta, notifies that:–

Sealed tenders will be received by the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, up to noon of Tuesday, 20th December, 2005, for:–

*AFM Advt. No. 30/05. Cesspit clearance at various military locations - Armed Forces of Malta.

*Advertisement appearing for the first time

Forms of tender and further information may be obtained from the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, during any working day between 7.00 a.m and 4.00 p.m.

6th December, 2005

STAMPERIJA TAL-GVERN

L-Aġent Direttur, Stamperija tal-Gvern, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Diċembru, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 9/2005. Provvista ta' kartonċin.

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-i*Store Procurement Section,* Stamperija tal-Gvern, 29A, Qasam Industrijali, il-Marsa, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Is-6 ta' Diċembru, 2005

GOVERNMENT PRINTING PRESS

The Acting Director, Government Printing Press, notifies that:–

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 16th December, 2005, for:–

Advt. No. 9/2005. Supply of bristol board.

Forms of tender may be obtained from the Store Procurement Section, Government Printing Press, 29A, Industrial Estate, Marsa, during normal office hours.

6th December, 2005

WASTESERV MALTA LTD.

Iċ-*Chief Executive Officer,* WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Diċembru 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-uffiċċji tal-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

*Avviż Nru. WSM/033/2005. Kuntratt għal *sloping* u xogħlijiet ta' *re-contouring* f'Ta' Żwejra *Engineered Facility*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Jannar 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-uffiċċji tal-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

Avviż Nru. WSM/031/2005. Stallazzjoni ta' *gas collection pipework* u *fittings* għall-*Waste Management Facilities* Ta' Żwejra.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WSM/032/2005. Provvista ta' *mobile odour control systems* mill-WasteServ Malta Ltd.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviż li qiegħed jidher għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

Is-6 ta' Diċembru, 2005

WASTESERV MALTA LTD.

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Old Railway Track, Santa Venera, by not later than noon on Wednesday, 14th December, 2005, for:–

*Advt. No. WSM/033/2005. Contract for the sloping and re-contouring works at the Ta' Żwejra Engineered Facility.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Old Railway Track, Santa Venera, by not later than noon on Friday, 13th January, 2006, for:–

Advt. No. WSM/031/2005. Installation of gas collection pipework and fittings for the Ta' Żwejra Waste Management Facilities.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Advt. No. WSM/032/2005. Procurement of mobile odour control systems by WasteServ Malta Ltd.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

*Advertisement appearing for the first time

Forms of tenders may be obtained together with any further information required from the above-mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and noon.

6th December, 2005

DIPARTIMENT GĦAS-SERVIZZI KORPORATTIVI

Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali, jgħarraf illi sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-27 ta' Diċembru, 2005 jintlaqgħu offerti magħluqin fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment, li tinsab fis-Sular ta' Fuq (ħdejn kamra 417) fi 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, għal:-

Avviż Nru. 8/2005. Ingaġġ ta' diversi *carriage requirements*.

Dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mit-Taqsima tal-Provvisti, Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali, 106, Triq Melita, Valletta waqt il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

Is-6 ta' Diċembru, 2005

DEPARTMENT OF CORPORATE SERVICES

The Director of Corporate Services within the Ministry for the Family and Social Solidarity, notifies that sealed tender documents will be received in the Tender Box of the Department, situated at the Top Floor (near room 417) at 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 27th December, 2005, for:-

Advt. No. 8/2005. Engagement of various carriage requirements.

Tender documents may be collected from Supplies Section, Ministry for the Family and Social Solidarity, 106, Triq Melita, Valletta during normal office hours.

6th December, 2005

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

Iċ-*Chief Executive Officer* tal-MITTS Ltd jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Jannar, 2006, fil-Kaxxa ta' l-Offerti li tinsab f'Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. M351/05. Provvista ta' sistema ta' *Uninterruptible Power Supply* fil-Bini tal-MITTS Ltd fir-Ricasoli.

Avviż Nru. M332/05. Provvista u tqegħid ta' madum ta' l-art fil-bini tal-MITTS Ltd fir-Ricasoli.

Se ssir żjara fis-sit li jinsab f'RL1, Qasam Industrijali tar-Ricasoli, il-Kalkara, fis-1.00 p.m. ta' nhar il-Ħamis, il-15 ta' Diċembru , 2005.

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Jannar, 2006, fil-Kaxxa ta' l-Offerti li tinsab f'RL1, Qasam Industrijali tar-Ricasoli, il-Kalkara, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. M330/05. Provvista ta' lift bil-*hydraulic* fil-Bini tal-MITTS Ltd fir-Ricasoli flimkien mal-manutenzjoni u *support* tiegħu.

Avviż Nru. M327/05. Provvista ta' sistema ta' arja kundizzjonata fil-bini tal-MITTS Ltd fir-Ricasoli flimkien mal-manutenzjoni u *support* tagħha.

L-offerti għandhom ikunu f'envelopes magħluqa u mmarkati bin-numru rispettiv ta' l-offerta.

Kopja elettronika tad-dokumenti tista' titniżżel minn fuq is-sit tal-MITTS Ltd:

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

The Chief Executive Officer of MITTS Ltd notifies that:–

Sealed tenders will be received in the tender box at Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, up to noon of Friday, 20th January, 2006, for:–

Advt. No. M351/05. Supply of an uninterrupted power supply to the MITTS Ltd Building at Ricasoli.

Advt. No. M332/05. Supply and laying of gres prcellanato floor tiles at the MITTS Ltd building at Ricasoli.

A visit to the site at RL1, Ricasoli Industrial Estate, Kalkara, will be held at 1.00 p.m. of Thursday, 15th December, 2005.

Sealed tenders will be received in the tender box at Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, up to noon of Friday, 27th January, 2006, for:–

Advt. No. M330/05. Supply of hydraulic lift at the MITTS Ltd building at Ricasoli together with maintenance and support services.

Advt. No. M327/05. Supply of air conditioning system at the MITTS Ltd building at Ricasoli together with maintenance and support services.

Tenders should be in sealed envelopes and marked with the respective tender number.

An electronic copy of the documents can be downloaded free of charge from the MITTS Ltd site at:

http://www.mitts.gov.mt mingħajr ħlas, waqt li kopja stampata ta' l-istess dokumenti tista' tinkiseb permezz ta' e-mail mibgħuta lil csmu@gov.mt fuq ħlas ta' Lm15.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu minn fuq numru tat-telefon 25992581, jew e-mail lil csmu@gov.mt

Il-ħlas huwa dovut meta jintefgħu l-offerti , ikun pagabbli lill-MITTS Ltd. Kull offerta li tintbagħat b'ċekk li ma jiġix onorat tiġi invalidata.

Is-6 ta' Diċembru, 2005

http://www.mitts.gov.mt, whilst a printed copy can be obtained through an e-mail sent to csmu@gov.mt for a fee of Lm15.

Further details may be obtained from telephone number 25992581, or froman e-mail to csmu@gov.mt

Payment for a submission must be effected when submitting the tenders and must be payable to MITTS Ltd. A submission accompanied by a dishonoured cheque will invalidate the bid.

6th December, 2005

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

Iċ-*Chief Executive Officer* tal-MITTS Ltd jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Jannar, 2006, fil-Kaxxa ta' l-Offerti li tinsab f'Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. M326/05. Tibdil strutturali u bini ta' partijiet ġodda fil-post tal-MITTS Ltd fir-Ricasoli.

Se ssir żjara fis-sit li jinsab f'RL1, Qasam Industrijali tar-Ricasoli, il-Kalkara, fid-9.30 a.m. ta' nhar il-Ħamis, il-15 ta' Diċembru , 2005. Huwa stmat li l-valur tal-kuntratt jammonta għal madwar Lm15,000 (VAT eskluż).

L-offerti għandhom ikunu f'*envelopes* magħluqa u mmarkati "Tibdil strutturali u bini ta' Partijiet Ġodda fil-Post tal-MITTS Ltd fir-Ricasoli - Ref. M326/05".

Kopja elettronika tad-dokumenti tista' titniżżel minn fuq is-sit tal-MITTS Ltd:
http://www.mitts.gov.mt mingħajr ħlas.

Kopja stampata ta' l-istess dokumenti tista' tinkiseb permezz ta' talba bl-*e-mail* mibgħuta lil csmu@gov.mt fuq ħlas ta' Lm15.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu minn fuq numru tat-telefon 25992581, jew *e-mail* lil csmu@gov.mt

Il-ħlas huwa dovut meta tintefa' l-offerta , ikun pagabbli lill-MITTS Ltd. Kull offerta li tintbagħat b'ċekk li ma jiġix onorat tiġi invalidata.

Is-6 ta' Diċembru, 2005

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

The Chief Executive Officer of MITTS Ltd notifies that:–

Sealed tenders will be received in the tender box at Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, up to noon of Friday, 6th January, 2006, for:–

Advt. No. M356/05. Structural alterations and additions at the MITTS Ltd Building at Ricasoli.

A visit to the site at RL1, Ricasoli Industrial Estate, Kalkara, will be held at 9.30 a.m. on Thursday, 15th December, 2005. The estimated contrct value is about Lm15,000 (VAT excluded).

Tenders should be in sealed envelopes and marked with "Structural Alterations and Additions at the MITTS Ltd, Ricasoli Premises - Ref. M326/05".

An electronic copy of the documents can be downloaded free of charge from MITTS Ltd website at:
http://www.mitts.gov.mt.

A printed copy can be obtained through an e-mail sent to csmu@gov.mt for a fee of Lm15.

Further information may be obtained from telephone number 25992581, or an e-mail to csmu@gov.mt

Payment for a submission must be effected when submitting the tender and must be payable to MITTS Ltd. A submission accompanied by a dishonoured cheque will invalidate the bid.

6th December, 2005

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-20 ta' Diċembru, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS-79-05. Tikħil fuq ġewwa u fuq barra tas-sala l-ġdida u faċilitajiet anċillari fl-Iskola Primarja, l-Imqabba.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-22 ta' Diċembru, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS-80-05. Xogħlijiet ta' tqegħid ta' madum fl-Iskola Primarja, l-Imqabba.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċ ji tal-Fondazzjoni, it-2 Sular, Nru. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. Nru. 21 340 434, *Fax* Nru. 21 336487) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni f'Ta' Xbiex.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali) kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis f'nofsinhar.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), kif jidher fil-klawsola ta' hawn fuq. F'dan ir-rigward dawk kollha li jagħmlu l-offerta għandhom, għalhekk, jiffamiljarizzaw ruħhom ma' dawn id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-6 ta' Diċembru, 2005

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 20th December, 2005, for:-

Advt. No. FTS-79-05. Internal and external plastering of new hall and ancillary facilities at the Primary School, Mqabba.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 22nd December, 2005, for:-

Advt. No. FTS-80-05. Tiling works at the Primary School, Mqabba.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices (2nd Floor, No. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. No. 21 340 434, Fax No. 21 336487), on working days between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at Ta' Xbiex.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2003, the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders) every Tuesday and Thursday at noon.

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the above mentioned clause, in this regard all tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

6th December, 2005

MALTA ENTERPRISE

Parteċipazzjoni ta' Malta fil-Fiera Internazzjonali ta' Tripli, il-Libja, 2 – 12 ta' April 2006

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Diċembru, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għall-*project design,* konstruzzjoni u tagħmir tal-Padiljun ta' Malta fil-Fiera Internazzjonali ta' Tripli li għandha ssir fi Tripli, il-Libja, mit-2 sat-12 ta' April, 2006.

Id-dokumenti ta' l-offerta jinkisbu, wara li jitħallas dritt ta' Lm10, mill-Malta enterprise, *Unit* ta' l-Amministrazzjoni, Enterprise Centre, Qasam Industrijali, San Ġwann, Tel: 25420000, *Fax*: 25423406.

Is-6 ta' Diċembru, 2005

MALTA ENTERPRISE

Malta's Participation at the Tripoli International Fair Tripoli, Libya 2 – 12 April 2006

Sealed tenders will be received by Malta Enterprise by not later than noon of Friday, 23rd December 2005 for the project design, construction and equipment of the Malta Pavilion at the Tripoli International Fair to be held in Tripoli, Libya from the 2nd to the 12th April 2006.

Tender documents are availiable, at a fee of Lm10, from the Malta Enterprise, Administration Unit, Enterprise Centre, Industrial Estate, San Ġwann Tel: 25420000, Fax: 25423406.

6th December, 2005

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI

Provvista u Manutenzjoni ta' Reċipjenti ta' l-Iskart fir-Rigward tar-Regolamenti l-Ġodda dwar l-Iskart

Wara diskussjonijiet intensivi bejn il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ġew imfassla r-regolamenti l-ġodda dwar l-iskart u l-qafas ta' kif għandhom jiġu implimentati dawn ir-Regolamenti. Dawn ġew approvati mill-Kabinett tal-Ministri.

L-Assoċjazzjoni, li tirrappreżenta lill-Kunsilli Lokali, qed toħroġ sejħa għall-offerti dwar il-manifattura, stallazzjoni, tbattil, tindif u manutenzjoni ta' reċipjenti ta' l-iskart bħala parti mill-infrastruttura għar-Regolamenti l-ġodda dwar l-iskart.

Kull min hu interessat għandu jiġbor kopja tad-dokument mill-Uffiċċju ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Il-ħlas għad-dokument hu ta' Lm30. L-offerti kollha għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju ta' l-Assoċjazzjoni sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, is-27 ta' Diċembru 2005.

Min ikollu xi mistoqsijiet għandu jindirizzahom lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan jew permezz ta' *e-mail* lca@lca.org.mt sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Diċembru 2005.

Offerti mibgħuta wara d-data speċifikata aktar 'il fuq jiġu awtomatikament skwalifikati.

Is-6 ta' Diċembru, 2005

ASSOCIATION OF LOCAL COUNCILS

Provision and Maintenance of Litterbins in Connection with the New Littering Regulations

Following intense discussion between the Ministry for Rural Affairs and the Environment and the Association of Local Councils, the new littering regulations and their supporting framework for implementation have been drawn up. These were subsequently approved by Cabinet.

The Local Councils Association, representing Local Councils, is hereby issuing a call for tender for the manufacture, installation, emptying, cleaning and maintenance of litterbins as part of the supporting infrastructure to the new Littering Regulations.

Interested parties are to collect a copy of the tender documents from the offices of the Local Councils Association, 153, Triq il-Kbira, Balzan, against a payment of Lm30. All tenders should be deposited in the designated Tender Box at the Local Councils' Association's office by not later than noon of Tuesday, 27th December 2005.

Any queries should be addressed to the Local Councils' Association, 153, Triq il-Kbira, Balzan or on email lca@lca.org.mt by not later than Wednesday, 21st December 2005.

Offers received after the closing date will be disqualified.

6th December, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2545

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Novembru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 147/05 JA, fl-ismijiet Simon Vella vs Marion Vella, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Simon Vella (ID Nru 237268M) ippreżenta Ċitazzjoni fl-10 ta' Mejju 2005, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), kontra Marion Vella (ID Nru 398468(M), fejn talbu l-konvenuta għaliex m'għandhiex dina il-Qorti għar-raġunijiet premessi fiċ-ċitazzjoni:

1) tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ iċċelebrat mill-kontendenti fit-8 ta' Settembru 1993, huwa null u bla effett legali, u tagħti dawk il-provvedimenti kollha l-oħra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta li hija minn issa inġunta biex tidher għas-subizzjoni.

Konvenuta: 5, Curved Alley, iż-Żurrieq.

B' Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ġimgħa 20 ta' Mejju 2005, il-kawża Ċitazzjoni Nru 147/2005 JA, fl-ismijiet Vella Simon vs Vella Marion, tqiegħdet fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ottubru 2005, fil-10.00 a.m. u differita għat-13 ta' Jannar 2006, fil-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 30 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 4th November 2005, in the records of the Writ of Summons Number 147/05 JA, in the names Simon Vella vs Marion Vella, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Simon Vella (ID Number 237268M) filed a Writ of Summons, on the 10th May 2005, in the Civil Court (Family Section) against Marion Vella, (ID Number 398468M), whereby they asked the defendant why this Court for the reasons premised in the writ of summons:

1) declare and decide that the marriage celebrated between the parties on the 8th September 1993 is null and without legal effect, and give all those directives which it considers opportune in this regard.

With costs, against the defendant from now summoned so that a reference to her evidence be made.

Defendant: 5, Curved Alley, Żurrieq.

By a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Friday 20th May 2005, the case Writ of Summons number 147/2005 JA, in the names Vella Simon vs Vella Marion, was put down on the list of causes which are to be heard on Friday 7th October 2005, at 10.00 a.m., and put off to the 13th January 2006, at 10.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 30th November 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2546

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz, ta' digriet mogħti fl-14 ta' Ottubru 2005, fl-atti tar-rikors numru 864/05 NC, fl-ismijiet Maltacom plc ġja Korporazzjoni Telemalta versus Josette Zammit, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fid-19 ta' Settembru 2005, fl-ismijiet Telemalta Corporation kontra Josette Zammit, is-soċjetà rikorrenti Maltacom p.l.c. esponiet bir-rispett:

Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Ċit. Numru 2140/97 RCP) ġiet deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Ġunju 1998, u fl-istess kawża l-konvenuta ġiet ikkundannata tħallas lill-

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 14th October 2005, in the records of the application number 864/05 NC, in the names Maltacom plc previously Telemalta Corporation versus Josette Zammit, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the Civil Court First Hall, on the 19th September 2005, in the names Telemalta Corporation against Josette Zammit, the applicant company Maltacom p.l.c., pleaded with respect:

That the cause in the names above premised (Writ of Summons Number 2140/97 RCP) was decided by this Court on the 4th June 1998, and in the same cause the defendant

Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' Lm1,220.11 (elf mitejn għoxrin lira u ħdax-il ċenteżmu) bl-imgħax u bl-ispejjeż.

....Omissis...

Illi ma' l-imsemmija somma jridu jiżdiedu l-ammont ta' Lm683.26 (sitt mija u tlieta u tmenin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu) imgħax legali….Omissis…

Għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm2,012.20 (elfejn u tnax-il lira Maltin u għoxrin ċenteżmu).

Minn dawn tħalset biss is-somma ta' Lm240 (mitejn u erbgħin lira) u għalhekk baqa bilanċ ta' Lm1,772.20 (elf seba' mija u tnejn u sebgħin lira u għoxrin ċenteżmu) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-Soċjetà rikorrenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponent filwaqt illi tagħmel referenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Intimat: Josette Zammit, Violetta, Triq l-Iskola, il-Marsa.

Ir-Rikors Numru 864/05 NC, fl-ismijiet Telemalta Corporation vs Zammit Josette, jinsab differit għat-13 ta' Jannar 2006, fid-9.00 a.m., għan-notifika tal-konvenuta.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 30 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

was condemned to pay Telemalta Corporation the sum of Lm1220.11 (one thousand two hundred and twenty Maltese liri and eleven cents) with interest and with costs.

...Omissis…

That together with the said sum there are to be added the amount of Lm683.26 (six hundred and eighty three liri and twenty six cents) legal interest...Omissis…

Thus the amount due to the applicant is of Lm2,012.20 (two thousand and twelve Maltese liri and twenty cents).

From these only the sum of Lm240 (two hundred and forty liri was paid and thus there remains a balance of Lm1,772.20 (one thousand seven hundred and seventy two liri and twenty cents) saving any further interest till the date of effective payment.

That from the date of the judgement there elapsed more than five (5) years and the applicant company has an interest to proceed by means of the opportune warrants to collect the amount due to it.

Thus the applicant whilst referring to article 258 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12) of the Laws of Malta prays with respect that it be authorized by this Honourable Court to proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names above indicated.

Respondent: Josette Zammit, Violetta, School Street, Marsa.

The Application Number 864/05 NC, in the names Telemalta Corporation vs Zammit Josette, has been put off to the 13th January 2006, at 9.00 a.m., for the service of the defendant.

Registry of the Superior Courts, today 30th November 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2547

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-8 ta' Awissu 2005, il-Qorti Ċivili Prim Awla ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lil Marixxall tal-Qrati.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-8 ta' Awissu

It is hereby notified that by means of a decree given by this Court on the 8th August 2005, the Civil Court First Hall ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purposes of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts.

Whereas by a decree given by this Court on the 8th August

2005, fuq talba ta' HSBC Bank Malta plc ġie ordnat, biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Ahmed Hamdan, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet 'HSBC Bank Malta plc vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Ahmed Hamdan' u fl-atti l-oħra relattivi u ssegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-4 ta' Awissu 2005, lil Kuraturi Deputati appuntati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Ahmed Hamdan (ID 75898M), is-soċjetà HSBC Bank Malta Bank p.l.c. (C 3177) ta' 116, Archbishop Street, Valletta, tirreferik għall-kuntratt ta' self u kompro-vendita fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, datat 3 ta' Settembru 2003 u tinterpellak sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum inti tħallas is-somma komplessiva ta' tnejn u tletin elf ħames mija u sebgħa u disgħin Lira Maltin u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm32,597.21) oltre l-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv minn liema somma komplessiva l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u ħamsin Lira Maltin (Lm11,650.00) ġie somministrat lilek fuq l-imsemmi kuntratt.

Fin-nuqqas ta' ħlas is-soċjetà mittenti tavżak li se jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Din l-ittra hija rikjesta mill-Liġi u qed tintbagħat sabiex tirrendi l-kuntratt surreferit eżegwibbli u dana a tenur ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Bl-ispejjez.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b' dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjrazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjrazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' Onor. Imħallef Geoffrey Valenzia, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 8 ta' Awissu 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2005, following a request of HSBC Bank Malta plc it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Ahmed Hamdan in the records of the judicial letter in the names 'HSBC Bank Malta plc vs Deputy Curators to represent the absent Ahmed Hamdan' and in the relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall Civil Court, on the 4th August 2005, to Deputy Curators appointed to represent the absent Ahmed Hamdan (ID 75898M), the company HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) of 116, Archbishop Street, Valletta refers to the contract of loan and sale in the records of Notary Pierre Falzon dated 3rd September 2003 and calls upon you so that within seven days from today you pay the global sum of thirty two thousand five hundred and ninety seven liri and twenty one cents (Lm32,597.21) besides legal interest till the date of effective payment from which global sum the amount of eleven thousand six hundred and fifty Maltese liri (Lm11,650.00) was passed on to you on the said contract.

Failing payment the interpellant company warns you that further Court action will be taken against you in execution of their executive title without prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourself.

This letter is required by Law and is being send in order to render the contract above mentioned executable and this in terms of Article 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

With costs.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said ban you are to inform forthwith this Court.

Given by the afore mentioned First Hall Civil Court with the witness of the Hon. Mr. Justice Geoffrey Valenzia, LL.D., Doctor of Laws.

Today 8th August 2005.

Registry of the Superior Courts, today 30th November 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2548

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-atti ta' l-ittra uffiċjali datata 7 ta' Novembru 2005, numru 10345/05, fl-ismijiet Joseph Scicluna et vs Sharon Risiott et, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lill-intimati bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 7 ta' Novembru 2005

Lill:

1. Sharon Risiott Nru tal-Passaport 682100;
u

2. Thomas Cracknell ID 25458(A),

Omm iben flimkien u in solidum.

Permezz tal-preżenti Joseph ID 322954(M) u Mary Rose ID 528555(M) konjugi Scicluna ta' 352, Triq is-Salini, Marsascala, filwaqt li jirreferuk għas-skrittura privata datata 16 ta' Frar 2005, bil-kundizzjonijiet hemm indikati jgħarrfuk li bis-saħħa ta' klawsola 13, ta' l-imsemmija skrittura, intkom ksirtu kondizzjonijiet varji fl-iskrittura hawn fuq indikata fosthom:

In-nuqqas ta' ħlas jew tiġdid tal-liċenzji.

In-nuqqas ta' ħlas ta' mill-inqas tliet pagamenti ta' kera;

Talli nqastu ai termini ta' klawsola 17 tal-ftehim indikat fejn b'mod inflagrante milli tagħmlu sound proofing adegwat bil-konsegwenza li kontu qed iddejqu r-residenti f'dak l-ambjent;

Inqastu milli tindikaw l-indirizz postali tagħkom kif kontu obbligati li tagħmlu,

qed tiġu intimati biex fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data ta' l-intimazzjoni ta' din l-ittra timxu skond kif intkom obbligati li tagħmlu fejn fin-nuqqas dan il-ftehim jispiċċa ipso jure u intkom fi żmien sebat ijiem (7) obbligati li tivvakaw il-post fejn fin-nuqqas l-ammont ta' Lm250 penali tkun dovuta kuljum sakemm il-fond jiġi vakat.

Għaldaqstant qed tiġu intimati timxu kif intkom mitlubin li tagħmlu u dan ai finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Notifika (1) 'Al Verde', Flat 2, Triq l-Arzell, Marsascala.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 30 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given in the records of the judicial letter dated 7th November 2005, number 10345/05 in the names Joseph Scicluna et vs Sharon Risiott et, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 7th November 2005

To:

1. Sharon Risiott Passport number 682100;
and

2. Thomas Cracknell ID 25458(A)

Mother and son together and in solidum.

By the present Joseph ID 322954(M) and Mary Rose ID 528555(M) spouses Scicluna of 352, Salini Street, Marsascala, whilst referring to the private writing dated 16th February 2005, with the conditions therein indicated inform you that in virtue of clause 13 of the said writing you violated various conditions in the writing above indicated amongst which:

The lack of payment or renewal of the licenses.

The lack of payment of at least three instalments of rent;

That you failed in terms of clause 17 of the agreement indicated whereby you flagrantly failed to make an adequate sound proofing and consequently you annoyed the residents in the area;

You failed to indicate your postal address as you were bound to do.

You are being called so that within ten (10) days from the date of the calling by this letter you proceed as you are bound to do and failing which the agreement shall terminate ipso jure and within seven days (7) you shall be bound to vacate the premises and failing which the amount of Lm250 as penalty shall be due every day till the premises are vacated.

Thus you are being called upon to proceed as you are called to do and this for all intents and purposes of law.

Notify: 1) 'Al Verde', Flat 2, Arzell Street, Marsascala.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 30th November 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2549

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-15 ta' Novembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Thomas Smith Insurance Agency Limited ta' 12, Saint Christopher Street, Valletta (C5637) in rappreżentanza tas-soċjetà estera Società Italiana Assicurazioni e Riassicurazzioni S.p.a. – S.I.A.T kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Russell Mercieca u għal kull interess li jista' jkollu l-istess Russell Mercieca ta' "Josant", Triq in-Neħhieba, Ħ'Attard, Malta karta ta' identità numru 29880(M) ippreżentaw Talba fit-8 ta' Lulju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Saviour Tabone ta' St Mary Flats, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar, Malta jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u dsatax -il lira Maltija u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm319.27) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi rigward inċident awtomobilistiku li ġara fil-5 ta' Ottubru 2004 fit-Triq ix-Xatt, Sliema.

Bl-ispejjeż.

Il-kawża (Talba Numru 1464/05JR) hija differita għas-16 ta' Diċembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 1 ta' Diċembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 15th December 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Thomas Smith Insurance Agency Limited of 12, Saint Christopher Street, Valletta (C5637) in rappresentation of the foreign society Società Italiana Assicurazioni e Riassicurazzioni S.p.a. – S.I.A. as subrogated in the rights of its assured Russell Mercieca and for all interest that he may have the same Russell Mercieca of Josant, Triq in-Neħhieba, Attard, Malta, ID Card No 29880M, filed a Claim on the 8th July 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Saviour Tabone of St Mary Flats, Triq il-Ġifen, St Paul's Bay to pay the plaintiff company the sum of three hundred and nineteen Maltese liri and twenty seven cents (Lm319.27) which amount is due to the plaintiff company in connection with an accident which happened on the 5th October 2004 at The Strand, Sliema.

With costs.

The case (Claim Number 1464/05JB) is put off for the 16th December 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 1st December 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2550

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Ballut Blocks Services Ltd (C8360) ta' Wied Filep limiti tan-Naxxar, ippreżentaw Talba, fil-15 ta' Marzu 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Brian Zammit ta' Blokk A, Flat 6, Qasam tad-Djar, il-Laqxija, Birkirkara jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u tmien liri Maltin u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm408.87) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

